# Il-konvoj ta' Santa Marija b'rabta mal-Maltin u mal-Gudjani

Il-gżejjer Maltin fi żmien l-Ingliżi kellhom ekonomija ta' fortizza (*fortress economy*) jiġifieri ekonomija li kienet totalment tiddependi fuq in-nefqa li l-Ingliżi kienu jagħmlu f'Malta. Ħafna drabi, din in-nefqa kienet tiżdied sostanzjalment fi żmien ta' gwerer; għalhekk il-gżejjer Maltin kienu jmorru ekonomikament tajjeb fi żmien ta' gwerer għax kienu jizdiedu l-impjiegi fit-tarzna biex tintlaħaq id-domanda tas-servizzi navali. Il-portijiet ta'Malta flimkien mat-tarzna kienu



*It-tarzna u l-Port l-Kbir (commons.wikimedia.org)*

dejjem ikunu mfawrin bix-xogħol fi żmien xi gwerra. Malta, bħala kolonja tal-Ingliżi, kienet il-bazi navali primarja tagħhom fil-Mediterran u b'hekk, il-Port il-Kbir u t-tarzna kienu jintużaw għat-tiswijiet fuq il-vapuri, *refuelling*, waqtiet ta' serħan għal-baħrin u għall-ħazna tal-merkanzija. Biss, din is-sitwazzjoni kienet għal kollox tinbidel wara li kienet tispiċċa xi gwerra u fi żmien ta' paċi. Ħafna Maltin kienu jispiċċaw bla xogħol u bla flus u din is-sitwazzjoni kienet tnikket ħafna lill-poplu tagħna tant li wara l-Ewwel Gwerra Dinjija, il-Maltin irribellaw kontra l-Ingliżi fis-7 ta' Ġunju tal-1919. Sfortunatament, dakinhar erba' Maltin ġew maqtula mill-Ingliżi.

It-Tieni Gwerra Dinjija kienet gwerra miġġielda fuq l-ideoloġiji politiċi estremi li nibtu fl-Ewropa wara l-Ewwel Gwerra Dinjija. Hitler u n-Nażżismu kienu ħakmu lill-Ġermanja filwaqt li Mussolini kien ħa r-renju assolut tal-Italja. Bħalma dejjem ġara fl-istorja, l-estremiżmu jwassal għal kunflitti bejn in-nazzjonijiet kif fil-fatt ġara fl-1939 meta bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija. F'din il-Gwerra, il-Ġermanja u l-Italja ġġieldu kontra Franza u l-Ingilterra.

Billi f'dak iż-żmien, Malta kienet kolonja tal-Ingliżi, il-Maltin kienu wkoll involuti f'din il-gwerra. Imma għall-kuntrarju tal-Ewwel Gwerra Dinjija meta Malta kellha rwol indirett u sekondarju, f'din il-gwerra, Malta kienet direttament involuta u bbumbardjata minn bombi Ġermaniżi u Taljani. Skont iċ-ċensiment tal-1931, kien hemm 30 ħaddiem Gudjan jaħdem it-tarzna. Biss, din iċ-ċifra zgur żdiedet meta bdiet il-Gwerra.[1]

L-attakki bil-bombi fuq Malta bdew lejn tmien l-1940, żmien li fih pajjiżna serva bħala bażi importantissima għall-Ingliżi. L-attakki mill-arju kienu direttament fuq it-tarzna, il-Port, il-Belt Valletta u l-ibliet tal-madwar fosthom it-tlett ibliet. L-għan ta' dawn l-attakki mill-arju kien li jeqirdu t-tarzna u l-bastimenti navali Inglizi li kienu jinsabu hemm. Sfortunatament, ħafna bini spiċċa distrutt u eluf ta' Maltin tilfu ħajjithom innoċentament. Ix-xelters li kienu tħaffru taħt



*It-teatru Rjal distrutt bil-bombi tal-għadu (www.pininterest.com)*

1. Camilleri Charlene (2007), *A Study in Local History Sincde 1800: Gudja*

l-art għenu mhux ftit biex isalvaw ħafna Maltin, fosthom Gudjani waqt li kienu qegħdin jiġu bbumbardjati minn xita ta' bombi, speċjalment bombi li kienu jitwaqqgħu minn piloti Ġermaniżi. Sa minn sena wara, fl-1941, f'pajjiżna bdiet tinħass l-iskarsezza tal-ikel. Tant kemm hu hekk li kellhom jitwaqqfu l-*victory kitchens* fl-irħula Maltin biex ikunu jistgħu jtaffu xi ftit il-ġuħ li kien hawn f'Malta.

F'Ġunju tal-1942, l-Ingilterra bagħtet Konvoj bil-provvisti neċessarji lejn Malta, iżda dan kien inqered mill-bombi tal-għadu. Il-konvoj ta' Santa Marija telaq nhar it-3 t'Awwissu u kien magħmul minn 14-il vapur, fosthom it-tanker Ohio. Kull vapur kien qed iġorr dqiq, petrol, u *fuel* biżżejjed għal erba' xhur. Din il-missjoni, meqjusa importanti, inżammet sigrieta u sakemm il-konvoj resaq lejn Sqallija, il-vjaġġ mexa ħarir. Iżda disat ijiem wara t-tluq ta' dan il-konvoj, il-Ġermaniżi u t-Taljani attakkaw il-bastimenti u disa' vapuri spiċċaw mgħarrqa.

Nhar il-festa ta' Santa Marija tal-1942, is-Sibt filgħodu, bejn it-tmienja u d-disgħa ta' filgħodu, deher mill-bogħod it-tanker Ohio nofsu mgħarraq minħabba l-attakki ħorox fuqu. Mal-Ohio daħal ukoll il-vapur merkantili 'Brisbane star'. B'hekk, il-konvoj ta' Santa Marija kien irnexxielu jwassal il-provvisti neċessarji għall-Maltin, fosthom għall-Gudjani. L-Ohio ġie rmunkat taħt l-għolja ta' Kordin fejn tbattal u wara ġie rmunkat lejn il-Forti Rinella taħt il-Forti Rikażli.



*Il-Maltin jifirħu kif raw il-vapuri tal-konvoj deħlin fil-port (www.tvm.com.mt)*

Wara l-Gwerra, nofs it-tanker Ohio ġie rmunkat u mgħarraq daqs għaxar mili 'l barra mill-Port il-Kbir, bin-nofs l-ieħor ittieħed 'l barra mill-irdumijiet ta' Ħad-Dingli lejn in-naħat ta' Filfla.

Bejn l-1940 u l-1944 kien hemm 17- il konvoj bid-destinazzjoni tagħhom tkun Malta. Uħud minnhom waslu, oħrajn le, iżda l-aktar li jibqa' minqux fl-istorja tagħna huwa dak ta' Santa Marija, u ħafna emmnu li l-fidi u t-talb lill-Madonna kien mismugħ propju fil-festa tagħha, meta Malta kienet f'salib it-toroq bejn li ċċedi jew tibqa' fuq saqajha. L-istorja tat raġun lid-determinazzjoni ta' Malta. Tant kemm hu hekk li x-xahar ta' wara fit-13 ta' Settembru, Malta ġiet ippreżentata formalment bil-George Cross għall-



*L-għotja tal-George Cross lill-Maltin għal-qlubija lill-Maltin urew waqt il-gwerra (www.iwm.org.uk)*

qlubija u l-kuraġġ li wera l-poplu Malti fil-qilla tal-Gwerra. Is-simbolu tal-qlubija li wrew il-Maltin matul din il-gwerra ġie mqiegħed u minqux fil-bandiera Maltija biex kulħadd ikun jaf bil-kuraġġ tal-Maltin u biex il-ġenerazzjonijiet futuri jibqgħu jiftakru. Mela ejjew nfaħħru u nqimu lil Santa Marija li daħlet għall-Maltin f'dawn il-mumenti iebsin u li dejjem tħares u tipproteġi lill-Maltin u lill-Gudjani. Viva Santa Marija!

**Charlene Abela, B. A. (Hons) History, PGCE, M. A. (EU studies)**